

Brussell, 28 ta' Marzu 2025
(OR. en)

7571/25
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0068(NLE)

MAR 47
EMSA

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Marzu 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 132 final - ANNEX 1
Suġġett:	ANNESS tal- Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port tal-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il- Kontroll tal-Istat tal-Port

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 132 final - ANNEX 1.

Mehmuż: COM(2025) 132 final - ANNEX 1



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.3.2025
COM(2025) 132 final

ANNEX 1

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port tal-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll tal-Istat tal-Port

ANNESS I

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll tal-Istat tal-Port

PRINĊIPJI GWIDA

Fil-qafas tal-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll tal-Istat tal-Port (MtQ ta' Pariġi), l-Unjoni għandha:

- (a) taġixxi f'konformità mal-oġettivi tal-Unjoni, b'mod partikolari li ttejjeb is-sikurezza marittima, il-prevenzjoni tat-tniġġis, u l-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol abbord, bi tnaqqis drastiku fl-għadd ta' bastimenti substandard b'applikazzjoni stretta tal-Konvenzjonijiet u l-kodiċijiet internazzjonali;
- (b) tippromwovi l-implimentazzjoni ta' approċċ armonizzat mill-membri tal-MtQ ta' Pariġi għal infurzar effettiv ta' dawn l-istandards internazzjonali fir-rigward tal-bastimenti li jbaħħru fil-ġurisdizzjoni tagħhom u li jużaw il-portijiet tagħhom;
- (c) taħdem flimkien fi ħdan l-MtQ ta' Pariġi biex tħaddem sistema ta' spezzjoni komprensiva li tqassam il-piż tal-ispezzjoni b'mod ekwu, b'mod partikolari bl-adozzjoni ta' impenn ta' spezzjoni annwali mħejjija f'konformità mal-metodoloġija maqbula li hemm stipulata fl-Anness 11 tal-MtQ ta' Pariġi;
- (d) taħdem fi ħdan l-MtQ ta' Pariġi biex tippromwovi r-reklutaġġ, iż-żamma u t-taħriġ fost il-membri tal-MtQ ta' Pariġi tal-għadd meħtieġ ta' persunal, inkluż spetturi kwalifikati, filwaqt li jitqiesu l-volum u l-karatteristiċi tat-traffiku tal-bastimenti f'kull port;
- (e) tiżgura li l-miżuri adottati fi ħdan l-MtQ ta' Pariġi jkunu konsistenti mal-liġi internazzjonali, u b'mod partikolari mal-konvenzjonijiet u l-kodiċijiet internazzjonali dwar is-sikurezza marittima, il-prevenzjoni tat-tniġġis, u l-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol abbord;
- (f) tippromwovi l-iżvilupp ta' approċċi komuni ma' korpi oħra li jwettqu Kontrolli tal-Istat tal-Port;
- (g) tiżgura l-koerenza ma' politiki oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari fl-ambitu tar-relazzjonijiet esterni, tas-sigurtà u tal-ambjent.

ORJENTAZZJONIJIET

Biex ikun żgurat il-funzjonament bla xkiel minn sena għal sena tar-reġim tal-Unjoni tal-kontroll tal-Istat tal-Port f'konformità mad-Direttiva 2009/16/KE, l-Unjoni għandha tagħmel hilita biex tappoġġa l-adozzjoni, mill-MtQ ta' Pariġi, tal-azzjonijiet li ġejjin:

1. L-elementi li ġejjin tal-profil tar-riskju tal-bastimenti użat biex jiġu mmirati l-bastimenti għall-ispezzjoni:

- (a) il-listi tal-bnadar bojod, griżi u suwed f'konformità mal-formola żviluppata mill-MtQ ta' Pariġi u stipulata fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 801/2010¹;

¹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 801/2010 tat-13 ta' Settembru 2010 li jimplimenta l-Artikolu 10(3) tad-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kriterji ta' Stat tal-bandiera (ĠU L 241, 14.9.2010, p. 1).

- (b) il-lista tal-prestazzjoni tal-organizzazzjonijiet rikonoxxuti f'konformità mal-metodoloġija adottata mill-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port ("PSCC") waqt is-37 laqgħa tal-PSCC li saret f'Mejju 2004 (il-punt 4.5.2 tal-Aġenda);
 - (c) il-proporzjon medju ta' defiċjenza u ta' detenzjoni għall-formola tal-prestazzjoni tal-kumpaniji abbażi tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 802/2010² [*Sakemm ma jkunx dikjarat mod ieħor, kwalunkwe referenza għal att ieħor tal-Unjoni jew għal parti minnu hija dinamika. Referenza tkun dinamika jekk id-dispożizzjoni ċċitata tittieħed dejjem bħala d-dispożizzjoni li tinkludi kull emenda sussegwenti*].
2. Ikun żgurat li kull bidla jew aġġornament fil-proċeduri u l-linji gwida tal-MtQ ta' Pariġi jkunu konsistenti mal-oġettivi li trid tilħaq l-Unjoni, b'mod speċjali li ttejjeb is-sikurezza marittima, il-prevenzjoni tat-tniġġis, u l-kundizzjonijiet tal-ġhajxien u tax-xogħol abbord.

² Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 802/2010 tat-13 ta' Settembru 2010 li jimplimenta l-Artikolu 10(3) u l-Artikolu 27 tad-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-prestazzjoni tal-kumpaniji (ĠU L 241, 14.9.2010, p. 4).